MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 119/2004

Korporazzjoni ghas-Serivzzi ta’ l-Ilma
f’isimha proprju u ghan-nom ta’ l-Enemalta.

Vs

Denise Ann Agius u b’digriet tat-Tribunal
tat-23 ta’ Ottubru 2006 gie kjamat in kawza Martin Agius

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici talbet illi l-konvenuta tigi kkundannata thallas l-ammont ta’ tmien mija u wiehed u tmenin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm881.41) rapprezentanti kontijiet pendenti ghall-konsum ta’ l-ilma u kera ta’ *meter* ta’ l-ilma li jammonta ghal Lm88.24, u ghall-konsum ta’ l-elettriku u kera ta’ *meter* ta’ l-elettriku, li jammonta ghal LM793.17, dovuti fuq il-plot 574, Triq Amabile Sisner,

Pembroke, skond il-kont numru 517306420. Bl-ispejjes, inkluzi Lm11.50 spejjes ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Ottubru 2001 u Lm11.50 spejjez ta’ l-ittra ufficjali tat-22 ta’ Lulju 2003 u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta li eccepiet illi l-ammont mitlub m’hux dovut in vista tas-segwenti aggravji legali: - (1) il-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni odjerna bid-dekors ta’ hames snin mid-data ta’ meta allegatament waqghu dovuti; (2) illi l-konvenuta ma hiex il-legittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna u kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li qatt ma kienet ‘ir-*registered consumer’* fuq dan il-kont; (3) illi l-eccipjenti ma ghandha ebda responsabbilta’ legali fil-konfront tal-Korporazzjoni attrici ghal hlas ta’ dan il-kont. Bl-ispejjes kontra l-Korporazzjoni attrici.

Sema’ x-xhieda ta’ Lora Pisani prodotta mill-Korporazzjoni attrici.

Sema’ x-xhieda ta’ Carmen Fresta prodotta mill-Korporazzjoni attrici.

Ra r-rikors tal-konvenuta Denise Ann Agius tat-12 ta’ Ottubru 2006 fejn gie mitlub li jigi kjamat in kawza Martin Agius.

Ra d-Digriet tieghu tat-23 ta’ Ottubru 2006 fejn dan it-Tribunal kif diversament presjedut ordna li jigi kjamat in kawza Martin Agius.

Ra r-risposta tal-kjamat in kawza Martin Agius, li ecepixxa illi huwa qieghed jinnega li ghandu jaghti l-ammont ta’ Euro 2053.13 (Lm881.41) stante li huwa ilu separat legalment minn ma martu l-konvenuta Denise Ann Agius mill-21 ta’ Mejju 1996 u li fil-fond in kwistjoni fejn inhareg il-kont huwa ma ghandu x’jaqsam xejn u aktar li huwa personalment m’ghandu l-ebda debitu dovut lejn l-Korporazzjoni attrici.

Sema’ x-xhieda tal-konvenuta Denise Ann Agius.

Sema’ x-xhieda tal-kjamat in kawza Martin Agius.

Ra d-dokument kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi fil-kaz in ezami l-Korporazzjoni attrici qed titlob il-hlas tal-ammont ta’ Lm881.41, ekwivalenti ghal elfejn u tlieta u hamsin Ewro u tlettax il-centezmu (€2053.13) minghand il-konvenuta. Skond il-konvenuta fl-ewwel lok it-talba attrici hija preskritta bil-medda ta’ hames snin mid-data ta’ meta sar dovut l-ammont, u fit-tieni lok, l-ammont mhuwiex dovut minnha izda se mai mir-ragel taghha li gie kjamat in kawza minnha, u li minnu hija llum tinsab separata. Illi fl-eccezzjonijiet tieghu, l-kjamat in kawza ecepixxa li huwa m’ghandu jaghti xejn lill-Korporazzjoni attrici ghaliex huwa jinsab separat minn ma martu l-konvenuta li baqghet tghix fid-dar in kwistjoni.

Illi t-Tribunal fl-ewwel lok ser jghaddi sabiex jiddeciedi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta.

Illi l-eccezzjoni tinqara kif gej:- ‘(1) il-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni odjerna bid-dekors ta’ hames snin mid-data ta’ meta allegatament waqghu dovuti.’ Jigi rilevat illi l-konvenuta naqset li issemmi l-artikolu tal-ligi li a bazi taghha hija qed tecepixxi l-preskrizzjoni, u ssemmi biss il-‘*preskrizzjoni ta’ hames snin’*.

Illi kif gie kostantement ripetut fil-gurisprudenza nostrana, l-artikolu tal-ligi li ab bazi tieghu wiehed ikun qieghed jecepixxi l-preskrizzjoni, ghandha tigi indikata b’mod car u esplicitu minn min jinvokaha (‘Francis Bugeja nomine vs Indria Mercieca’, Appell 29 ta’ Mejju 2000).

Kif qalet il-Qorti fil-kawza citazzjoni numru 1791/99 fl-ismijiet Maltacom plc gja Korporazzjoni Telemalta vs Saline Co. Ltd, deciza fit-30 ta' Novembru 2004:- '*Illi in kwantu ghall-preskrizzjoni kwinkwennali bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 2156, il-Qorti tosserva li ma giex specifikat is-sub inciz li fuqu hija bazata l-eccezzjoni. "L-artikolu tal-ligi li l-konvenut seta' kellu fil-forma mentis tieghu fih ben hames incizi distinti, li jipprospettaw l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra. Inoltre skond l-Art. 2111 il-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata, li jfisser li l-Qorti ma tistax tissuplixxi ex officio ghan-nuqqas tal-parti u m'ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara hijiex applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx indikata <u>b'mod car u esplicitu</u> minn min jinvoka*" (PA (PS) Donald Manche noe vs Joseph Said – 28 ta' Gunju 2003 – sottolinear ta' dan it-Tribunal).

Illi ghalhekk a bazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuta qed tigi michuda.

Illi fil-mertu, wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha migbura f'din il-kawza, t-Tribunal ghandu s-segwenti osservazzjonijiet x'jaghmel:-

Fl-ewwel lok la l-konvenuta u lanqas il-kjamat in kawza m'huma qedin jikkontestaw l-ammont li qed jintalab mill-Korporazzjoni attrici, u ghalhekk jidher li l-ammont per se huwa wiehed korrett. Il-konvenuta u l-kjamat in kawza, alavolja m'humiex qedin jikkontestaw l-ammont pretiz, qedin iwahhlu f'xulxin, u filwaqt li skond il-konvenuta l-ammont huwa dovut mill-kjamat in kawza, skond dan ta' l-ahhar, l-ammont mhuwiex dovut minnu izda mill-konvenuta.

Illi jirrizulta b'mod car kemm mix-xhieda ta' Carmen Fresta, kif ukoll mid-dokumenti esebiti, li l-kont in kwistjoni jirreferi ghall-perjodu mit-12 ta' Mejju tas-sena 1997 'l quddiem. Dan ma giex ikkontestat mill-konvenuta jew mill-kjamat in kawza.

Illi l-konvenuta u l-kjamat in kawza sseparaw formalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 21 ta' Mejju tas-sena 1996, u fl-istess kuntratt hemm imnizzel car (fil-klawsola 11c) illi l-konvenuta kellha tkun responsabbli ghal kull kont li ghandu x'jaqsam mad-dar matrimonjali (u cioe l-fond in kwistjoni) sa mill-1 ta' Settembru tas-sena 1995.

Illi kif xehedet il-konvenuta fi kliemha stess:- '*I am presenting a copy of my separation contract which is being marked as Document DAA. I have just been read out clause 11c of this same contract and I declare that I am aware of this clause. I agree that this clause was relating to any bill including water and electricity bills.*'

Illi oltre dan, skond ix-xhud Carmen Fresta, fil-1999, il-konvenuta u certa Lora Pisani kienu t-tnejn iffirmaw dokument mahrug mill-Korporazzjoni attrici sabiex is-servizz idur fuq Lora Pisani, peress illi id-dar in kwistjoni kienet inbieghat lilha mill-konvenuta. Fuq dan id-dokument hemm imnizzel car il-kliem: '*This final bill together with all arrears due will be paid by the undersigned on presentation of this form*', u din id-dikjarazzjoni giet iffirmata mill-konvenuta, li kkonfermat il-firma taghha.

Illi t-Trbunal ghalhekk jidhrilu li fid-dawl ta' dan kollu ma hemm l-ebda dubju li l-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici huwa fil-fatt dovut mill-konvenuta kollu kemm hu, u kwistjonijiet dwar jekk il-kont kienx gie rivedut f'xi zmien, jew jekk il-kjamat fil-kawza kienx il-persuna indikat bhala r-'*registered consumer'*, huma ghal kollox irrelevanti ghall-kaz ghaliex huwa car li l-konvenuta hija responsabbli ghall-hlas in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fl-ewwel lok, jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, fit-tieni lok jilqa l-eccezzjoni tal-kjamat in kawza, u fit-tielet lok, jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenuta Denise Ann Agius thallas il-Korporazzjoni attrici l-ammont ta' elfejn u tlieta u hamsin Ewro u tlettax il-centezmu

(€2053.13), ekwivalenti ghal Lm881.41c, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------